L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 14 ta' Lulju, 2003

**Pagi u kompetittività**

Il-Gimgha l-ohra ktibt dwar kif il-pagi tal-haddiema m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kompettività tal-prodott Malti, u kif fil-fatt ghandhom ikunu pagi gholjin li jattiraw investiment barrani f'pajjizna iktar milli bil-kontra. L-angolu li hadt jiena kien dak li ghalkemm jista' jidher li huwa biss kosmetiku u li m'ghandux x'jaqsam ma' beneficcji ekonomici u dwana – fil-fatt huwa direttament relatat maghhom. Teknikament dan is-suggett jissejjah "Regoli ta' l-Origini" (*Rules of Origin*) specjalemnt regoli ta' l-origini preferenzjali (*preferential rules of origin*). Ir-regoli ta' l-origini huma dawk il-kriterji li permezz taghhom prodott jikseb it-tikketta li hu maghmul Malta, l-Italja, il-Marokk, it-Tajlandja, ic-Cina, ecc. Ghalkemm din tista' tidher semplicement tikketta, fil-fatt turina ezatt it-trattati ta' kummerc hieles li minnu jkun jista' jibbenefika l-prodott. Ovvjament f'kuntest Ewropew tikketta ta' pajjiz membru taghti access liberu, minghajr dazji, lejn il-pajjizi membri l-ohra kollha. Izda, billi fid-dinja xejn mhu pozittiv, biss dan ifisser ukoll, illi dak li qieghed toffri int ekonomikament, qeghdin joffru l-pajjizi l-ohrajn kollha u, dak illi huma marbutin bih il-pajjizi l-ohrajn, marbut bih inti wkoll.

Ghal darb'ohra, allura, nista nghid li harsitna, issa, trid tmur iktar 'il boghod. Qisna tfal ta' l-iskola lebsin l-istess uniformi tal-pajjizi kollha ta' l-Unjoni, u rridu nidhru isbah xorta, li m'huwiex facli. Mela li, rridu naghmlu issa huwa, li niflu sewwa r-relazzjonijiet li ghandha l-Unjoni ma' terzi pajjizji u kwazi kwazi l-inqas li ghandna nahsbu hija fi shubija shiha.

Fi kliem iehor, ghalkemm ahna nkunu shab, irridu nisfruttaw relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' dawk li m'humiex shab! Ghax l-originalità taghna tista' tinkiseb mhux minn gewwa l-Unjoni – billi gewwa l-Unjoni kulhadd huwa l-istess – imma tiddependi totalment fuq id-diversità ta' relazzjonijiet bilaterali u multilaterali li pajjizi barranin u kumpaniji minn pajjizi barra l-Unjoni ghandhom ma' l-Unjoni. Ghalhekk shubija shiha fl-Unjoni ghandha tkun ta' *impetus* qawwi biex intawlu harsitna fuq skala dinjija b'iktar emfazi lejn min hu barra minnha! Dan seta' anke sar qabel – izda, issa bilfors irid isir.

B'qalbi sewda ntenni wkoll li minn dak li rrizultali meta jien ghamilt ir-ricerka tieghi f'dan il-qasam, ftit hawn analizi serja ta' dan it-tip hawn Malta. U ma nistaghgibx li l-Gvern Malti jmur jitlob xi parir minghand l-Unjoni dwar dan biex, minghalih, jahslulu wiccu halli jidher ahjar minnhom! Ghalkemm se nkunu fl-Unjoni, f'affarijiet bhal dawn, xorta rridu naqdfu wahedna. Ghax, ghalkemm shab, xorta l-pajjizi membri se jkunu kompetituri taghna. B'differenza wahda: il-kompetizzjoni rridu nirbhuha b'mezzi iktar sottili billi nduru mar-regoli ta' l-Unjoni u nisfruttaw kull bicca spazju li thallilna ghax idejna marbutin bl-istess regoli taghha f'kull sens! Niddubita kemm hawn minn din it-tip ta' genjalità ekonomika f'Malta!

Irridu nikkunsidraw ukoll li f'pajjizna jistghu jkunu nteressati kumpaniji mill-Unjoni kif ukoll kumpaniji minn barra l-Unjoni. L-interess li rridu nkunu kapaci nistimulaw f'kumpaniji mill-Unjoni jrid ikollu l-bazi tieghu fil-professjonalità tal-haddiema taghna. Irridu naraw hekk hemmx xi processi ta' produzzjni li m'humiex offruti b'mod sodisfacenti fl-Unjoni stess, u li produttur irid johrog mill-Unjoni biex jaghmel b'mod sodisfacenti u prezz ragonevoli. B'hekk inkunu qeghdin neghlbu l-izvantagg naturali li nemmen li dejjem jibqa' ezistenti li huwa l-prezz tat-trasport lejn l-iktar parti mbieghda ta' l-Unjoni – Malta – u l-fatt li Malta t-trasport jista' biss isir bil-bahar jew bl-ajru. Irridu naraw li l-produzzjoni taghna ma tirrikjedix, l-ewwel u qabel kollox, prezzijiet gholja ta' trasport iktar u iktar meta t-trasport m'ghandux effett fuq l-origini tal-prodott. Inutli nipproducu gaffa shiha biex sakemm tasal il-Germanja ssir tiswa d-doppju, izda forsi vallapena iktar nipproducu l-*ignition* taghha.

Izda, fejn jidhlu kumpaniji li joperaw fuq skala dinjija, wiehed ma jistax jistrieh biss fuq shubija shiha. Wiehed irid jgharbel sewwa trattati ta' kummerc hieles u trattati ohra li dahlet fihom l-Unjoni ma' blokki ta' pajjizi li, f'certu sens, huma lkoll kompetituri taghna. Billi ahna noffru l-ippakkeggjar ta' prodotti biss m'ahniex se nkunu attraenti ghall-ebda kumpanija minn barra l-Unjoni – ghas-semplici raguni li l-ippakkeggjar ta' prodotti mhux se jghin lill-kumpanija tikseb origini Maltija u cioè origini Ewropea. Min-naha l-ohra rridu nzewgu flimkien il-facilità li taghtina shubija shiha li nimportaw materja prima mill-Unjoni, u nghadduha daqslikieku kienet Maltija, mentri ma nhallsu l-ebda dazju fuqha u, nibbilancjaw il-prezzijiet taghna f'dan ix-xenarju gdid ta' l-U.E. ghalkemm, taht il-Ftehim ta' Assocjazzjoni, is-sitwazzjni ftit li xejn hija differenti. Wara kollox, mhux facli tattira investiment Ewropew, ghax hija ovvja li l-beneficcji li tista' toffri Malta jistghu joffruhom pajjizi membri ohra wkoll.

Izda, l-argument tieghi, kif jista jidher minn hawn fuq, m'hu mkien relatat mal-pagi tal-haddiema. Kif spjegajt il-gimgha l-ohra, kemm-il darba, meta nitkellmu dwar prodotti li jkunu fil-maggoranza taghhom manifatturati f'pajjizi li m'humiex membri fl-Unjoni, il-fatt li pajjiz membru jkun jitlob ghal pagi gholjin tal-haddiema u cioè, prezz oghla ta' produzzjoni jista' jkun aktar vantaggjuz milli ta' zvantagg biex inkunu kompetittivi. Kull ma rridu naghmlu huwa li nimmiraw lejn tipi ta' produzzjoni jew partijiet minnha li filwaqt li jhallu l-facilità lil min juza lil pajjizna li jikseb origini Ewropea, fl-istess hin joffru facilità ta' trasport mill-irhas possibbli u konsegwentement assigurazzjoni iktar irhisa kontra kwalunkwe hsarat li jistghu jsehhu matul it-trasport lejn pajjizi ohra fl-Unjoni.

Li Malta trahhas il-prezzijiet tal-produzzjoni taghha li, parti sostanzjali minnhom huma l-pagi tal-haddiema, ifisser li qieghda teskludi lil dawk kollha li jistghu jkunu nteressati li jaghmlu l-ahhar stadji tal-produzzjoni tal-prodott taghhom f'pajjizna biex jiksbu origini Ewropea. B'hekk inkunu qeghdin nergghu neskludu ruhna ghal dawk kollha li jifhmu x'jigifieri taparsi qieghed gewwa u qieghed barra xorta! U nkunu qed inpoggu lilna nfusna fl-aghar strixxa li tista' tinholoq! Dan ghax min ikun interessat li jaghmel il-parti rhisa tal-prodott f'certu pajjiz jista' jaghzel mill-pajjizi rhas kollha li mhumiex parti mill-Unjoni jew inkella jaghzel mill-pajjizi rhas ohra li se jkunu fl-Unjoni bhalna bhal Polonja, Repubblika Ceka, Slovakkja jew xi Slovenja u, li, it-trasport minnhom lejn pajjizi ohrajn fl-Unjoni huwa iktar facli u rhis, mentri mill-banda l-ohra, ma nkunux qeghdin noffru l-vantagg ta' pagi gholja fejn wiehed ikun jista' permezz ta' 5% tal-produzzjoni jikseb it-30% (per ezempju) tal-prezz biex il-prodott tieghu jigi maghdud bhala Ewropew. Dan specjalment fejn tidhol produzzjoni tat-tessuti.

L-argument tar-regoli ta' origini huwa munita b'zewg nahat. Biex nikkompetu tajjeb irridu nissuperaw mhux biss beneficcji li joffru pajjizi fl-Unjoni, izda wkoll trattati ohra bilaterali jew multilaterali f'dan il-qasam li l-U.E. ghandha ma' terzi pajjizi.

L-attrazzjoni ta' investiment barrani ghandha tiffoka biss fuq dawn il-linji.

L-ghan ta' dan l-artiklu kien biex nuri li anke mill-iktar att oggettiv, li ma jihux in konsiderazzjoni l-livell ta' ghajxien tal-haddiema bhala cittadini fis-socjetà, minghajr ebda emozzjoni ta' xejn, pagi inqas, ghall-investitur jistghu jkunu mhux ta' incentiv, izda kontra.

U biex inkunu rbatna kollox flimkien nispicca billi nghid li, wara kollox, problema rikorrenti u li kemm-il darba ma stajtx ma nsemmix meta tkellimt dwar dan is-suggett huma l-prezzijiet tat-trasport. Pajjizna gzira kien u gzira jibqa'. Meta qeghidna lilna nfusna fl-U.E. enfasizzajna iktar minn qabel il-fatt li ahna fruntiera tan-Nofsinhar u, cioè, in-Nofsinhar estrem ta' l-Unjoni. Ic-cokon ta' pajjizna ma joffrix suq kbir. Ikun facli ghall-investitur jaghzel il-Germanja flokna, ghax ghakemm ghandha l-istess obbligi bhalna bi shubija shiha hija eqreb (u, allura, bi prezzijiet ta' trasport irhas) lejn suq akbar. Ma nistennew 'l-ebda politika ggibna verament ugwali ma pajjizi kbar. Izda fl-argument tal-kompetittività ekonomika m'ghandhomx ghalxiex jizzeffnu fin-nofs il-pagi tal-haddiema. L-iktar, l-iktar, dawn li huma periferali. Jekk ghandna nghidu li din hija strategija biex nilqghu ghall-qghad li qieghed jikber minn jum ghall-iehor f'pajjizna, u biex tanticipa d-daqqa ta' harta li se jiehdu diversi haddiema li jahdmu mal-gvern fil-gejjieni qrib, naqbdu u

nghiduha. Ma noqoghdux induru mal-lewza! Nirrispettaw lill-poplu kif jixraqlu. Izda qatt m'ghandna nwahhlu fil-kompetittività.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*